**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – IL-ĦAMIS, 30 TA' ĠUNJU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sal-21:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku (wasal fis-19:25) |
| | Alfred Grima | Kunsillier (sad-21:00) |
| | Paul Bugeja | Kunsillier (sat-20:14) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (mis-19:09 sat-20:16) |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier (sat-20:00) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier (mis-19:05) |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| | Mary Helen Grima | Skrivana |
| Skużati: | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| Assenti: | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Tabone u Buhagiar kienu infurmawh li ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Kopji tal-emails annessi f'A.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ppreżenta l-minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti (numri 15 u 16).

2.2. **Mil-laqgħa numru 15** (minuti ippreparati mis-Sur Paul Spiteri li kien issostitwixxa lis-Sur Paul Gatt għal dik il-laqgħa partikulari): Il-Kunsillier Barbara talab korrezzjoni fil-ħin indikat li ħareġ mil-laqgħa li kellu jkun 20:45. Il-Kunsill qabel.

2.3. Il-Kunsillier A. Grima talab li mal-paragrafu 10.4 tiżdied sentenza "*Kien hemm qbil fil-kunċett iżda s-siti huma diskutibbli.*" Il-Kunsill qabel.

2.4. Il-Kunsillier A. Grima talab li wara l-kelma "*korrispondenza*" minn paragrafu 10.5 jiddaħħlu l-kliem "*bil-kitba*". Il-Kunsill qabel.

2.5. Il-minuti tal-laqgħa numru 15 imbagħad kienu approvati unanimament kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

2.6. **Mil-laqgħa numru 16:** Il-Kunsillier A Grima ippropona li tiżdied frażi wara *"Triq il-Qroll"* f'paragrafu 4.18 biex tkun aktar ċara. Il-Kunsill qabel li jiddaħħlu l-kliem fil-parentesi "*(tal-aċċessibilità quddiem appartament)*".

2.7. Il-minuti tal-laqgħa numru 16 imbagħad kienu approvati unanimament kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE.

## 3. SOSPENSJONI TAL-LAQGĦA

3.1. Fis-19:10 il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa biex jiddiskuti proposta dwar *defibrillator* mas-Sur Mark Gatt.

## 4. PUNTI MILL-MINUTI

4.1. **Mil-laqgħa numru 15:** dwar paragrafu numru 3.3 il-Kunsillier A Grima staqsa għaliex qed ikun hemm ċertu dewmien.

4.2. Il-Kunsillier A Grima rrefera wkoll għal paragrafu numru 5.1 minħabba li aktarx qed isiru ħlasijiet ta' kera għalxejn.

4.3. Il-Kunsillier Bugeja rrefera għal paragrafu 10.1 fejn saħaq li l-Pjazza għandha bżonn li tingħalaq b'katina u tkun tista' tinfetaħ mill-ħaddiema tal-Kunsill.

4.4. Il-Kunsillier A Grima talab li dwar 10.4 għandha ssir l-ittra għat-talba għal dog park u cat cafè.

4.5. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-boroż imsemmija f'para 10.22. Kien ikkonfermat li tali boroż tneħħew.

4.6. Dwar paragrafu 4.6 is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ingħata ħin u data għal-laqgħa li iżda kienu waqt ħin ix-xogħol. Għaldaqstant is-Sindku talbet li ningħataw data u ħin oħra. Però s'issa għadna qed nistennew data u ħin ġodda.

4.7. Is-Sindku rreferiet għal paragrafu 10.16 fejn infurmat li kellha konferma li t-triq hija fl-iskema.

4.8. F'dan ir-rigward kien hemm qbil li talbiet ta' bozoz ġodda għandhom ikunu evalwati mis-Segretarju Eżekuttiv u jikkonfermahom hu skont il-ħtieġa u l-budget.

4.9. **Mil-laqgħa numru 16:** Il-Kunsillier Bugeja staqsa dwar paragrafu 4.3 dwar il-proposti għal *charging pillars* tal-vetturi. Il-Viċi Sindku, a bażi tal-esperjenza personali tiegħu, issuġerixxa li dawn għandhom ikunu fejn persuni jkunu se jieqfu għal tul ta' ħin.

4.10. Dwar paragrafu 4.11 il-Kunsillier Bugeja informa li marru fuq il-post tliet kunsillieri flimkien ma' rappreżentant tal-Kumitat tal-Festa u kkonfermaw li mhux se jtellfu u ffirmaw fuq site plan fejn se jsiru t-toqob.

4.11. Dwar paragragu 4.17 il-Kunsillier Bugeja saħaq li għandha ssir ittra lill-KNPD dwar il-problemi u li ħafna minnhom huma kważi impossibli li jissolvew. Għal dan għandha tintalab laqgħa mal-KNPD biex anki jiġu *on site*.

4.12. Dwar paragrafu 4.18 is-Sindku infurmat li intalbet stima mingħand Bonnici Brothers iżda din kienet għolja wisq.

4.13. Is-Sindku infurmat ukoll li dwar il-kont ta' Paramount dan kien jikkonsisti f'żewġ attivitajiet.

4.14. Dwar paragrafu 4.23 is-Sindku infurmat li l-ET il-President tar-Repubblika pposponiet iż-żjara għal Settembru.

4.15. Dwar paragrafu 9.1 dwar l-art allokata għall-*bumping cars* il-Kunsillier A Grima ippropona li l-Kunsill għandu jressaq l-oġġezzjoni lid-Dipartiment tal-Artijiet għas-sena d-dieħla immedjatament. Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li dan is-suġġett ikun imressaq fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsillier A Grima esprima li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa għal espressjoni ta' interess biex ikun jaf x'domanda hawn għal dan it-tip ta' divertiment. Il-Kunsillier D Grima semma li dan għandu kundizzjoni li l-post għandu joffrih għat-tfal bla ħlas f'perjodu tas-sena. Il-Kunsilier Bugeja informa li din hija kundizzjoni li ssir ma' kull kuntratt ta' artijiet li jingħataw bħala konċessjoni.

5. **KOMUNIKAZZJONI**

5.1. Is-Sindku infurmat li dwar it-talba biex jitellgħu il-bnadar ħdejn il-kappella ta' San Pawl tal-Ħġejjej, dawn jiswew €136 kull waħda. Il-Kunsill qabel li jkunu ordnati.

5.2. Is-Sindku infurmat li d-Dipartiment tal-Indafa kien qiegħed jesegwixxi tindif addizzjonali (darbtejn kuljum) fiż-żoni turistiċi.

5.3. Is-Sindku infurmat li waslet email mingħand id-DLG tinforma lill-Kunsilli li hemm imsieħba barranin li qed ifittxu lokalitajiet li huma, jew jinsabu, fil-proċess li jiksbu ċ-ċertifikat li huma UNICEF *Children Friendly.* Il-Kunsill kien esprima x-xewqa tiegħu li jġib dan iċ-ċertifikat.

5.4. Is-Sindku ppreżentat proposta mingħand Urban Jungle li qed jipproponu li jinstallaw tabelli b'mixja ta' 5km mal-promenade biex iħeġġu l-pubbliku jimxi. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta din il-proposta u li fejn hu possibli dawn it-tabelli għandhom jitwaħħlu ma' arbli eżistenti.

5.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Barbara talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

5.6. Is-Sindku ressqet talba mis-Soċjetà Mużikali San Pawl u l-Kumitat Festi Esterni biex il-Kunsill jikkolabora f'attività. Il-Kunsill qabel u aċċetta li jikkontribwixxi sa €350 biex issir din l-attività konġunta u li jsellef imwejjed għall-istess għan.

5.7. Is-Sindku ressqet talba oħra biex il-Kunsill jikkolabora f'attività tal-Kumitat tal-Festa. Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi f'din l-attività u jikkontribwixxi sa €300 għall-kiri tas-sound u jsellef imwejjed għall-istess għan. Il-Kunsillier Cremona fakkar fil-ħtieġa li tinżamm l-indafa matul il-festa.

5.8. Il-Kunsill qabel li, bil-għan li jikkontrolla t-traffiku addizzjonali matul il-festa, għandu jqabbad is-servizz ta' gwardjani għal dan il-għan.

5.9. Il-Kunsill kien infurmat li ġiet ippubblikata l-policy dwar *outdoor catering areas.*

5.10. Il-Kunsill kien infurmat li qed jintalab jiffirma kuntratt dwar il-ħaddiema tal-community work li issa għaddew f'idejn fondazzjoni biex timmaniġġjahom. Dan kien jitlob illi, bi kriterji stabbiliti, jingħataw *performance bonus* fl-aħħar tas-sena. Il-paga titħallas mill-fondazzjoni u l-Kunsill iħallas biss għal dan il-performance bonus (jekk jilħqu l-kriterji stabbiliti) kif ukoll għal xogħol fuq il-ħin normali tagħhom. Il-Kunsill qabel.

5.11. F'dan il-ħin il-Kunsillier Bugeja talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

5.12. Is-Sindku infurmat li kien hemm sejħa oħra għall-attivitajiet u/jew proġetti tal-mobility. Hija talbet li jintbagħtu l-ideat li jista' jkun hemm permezz tal-email ħalli possibilment issir l-applikazzjoni.

5.13. Is-Sindku infurmat li kien hemm proposta mingħand Refab dwar il-ġbir ta' ħwejjeġ.

5.14. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat.

5.15. Il-proposta kienet biex il-kumpanija Refab titħalla tpoġġi kontenituri biex il-pubbliku jkun jista' jitfa l-ħwejjeġ fihom u dawn jigu riciklati. Is-Sindku proponiet li Dar l-Umanita' għandha tintuża għal din il-għan billi jitpoġġa kontenitur f'din iż-żona filwaqt li jiġu magħżula l-ħwejjeġ li hemm. Il-kumpanija minn naha tagħha lesta li tagħżel hi l-ħwejjeġ u li tagħti l-Kunsill il-ħwejjeġ li l-Kunsill ikollu talba għalihom. Wieħed għandu jara wkoll il-possibilità li Dar l-Umanita' tintuża għal skambjar ta' kotba *second hand*. Wara diskussjoni qasira ttieħed vot fejn il-Kunsillier Cremona astjena, il-Kunsillier A Grima ivvota kontra filwaqt li l-kumplament ivvutaw favur.

5.16. Issemma każ dwar talba biex ikun hemm ikun sanzjonat żvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA 2079/16). Il-Kunsillier A Grima staqsa fuq liema kriterji qed ikunu magħżula talbiet li jitressqu quddiem il-Kunsill. Is-Sindku infurmat li ħafna minnhom ma jkunx hemm problemi kbar u għalhekk tkun selettiva xi tressaq lill-Kunsill. Wara diskussjoni fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil li l-lista tibda tgħaddi għand il-Kunsillieri kollha biex kulħadd ikun infurmat bl-applikazzjonijiet kollha. Kien hemm qbil ukoll li għandu jkun involut il-Perit tal-Kunsill. Dwar it-talba għal sanzjoni diskussa l-Kunsill ma kellu l-ebda problema.

## 6. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

6.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jaġġorna. Madanakollu, minħabba l-urġenza, il-Kunsill qabel li għall-bord tal-għażla tal-impjegati u s-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsillier D Grima se jibdel temporanjament mal-Kunsillier Fenech filwaqt li l-Kunsillier A Grima u Bugeja għandhom jiddeċiedu bejniethom min se jkun fuq il-Bord. Minħabba l-ħtieġa ta' azzjoni malajr, il-Kunsill qabel li jiltaqa' wkoll l-Erbgħa 6 ta' Lulju biex jiddiskuti u jieħu deċiżjoni fuq il-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

6.2. Il-Kunsill iddiskuta fil-qosor il-problema tal-latrini. Il-kunsillier Cremona ppropona li l-Kunsill għandu jagħżel il-kuntrattur ta' wara dak preżenti u li l-kuntrattur preżenti jitwaqqaf. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta jekk l-avukat tal-kunsill jaqbel ma' dan u li fil-laqgha tas-6 ta' Lulju tiġi diskussa din il-problema biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni finali.

6.3. Il-Kunsill qabel ukoll illi japprova l-lista tal-pagamenti kif ippreżentata (annessa). Il-Kunsillier A Grima però ġibed l-attenzjoni għall-fatt illi l-prezz taż-żebgħa tar-

ramel jidher li huwa eċċessiv sakemm mhux differenti minn dak standard. Għalhekk għandha ssir verifika tiegħu.

6.4. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill ikkonferma l-għażla tal-offerta għal Nextbike Malta biex iwettaq il-proġett tal-Mobility. Informazzjoni dwar dan kienet intbagħatet bl-email lill-Kunsillier qabel.

6.5. Fl-21:20 il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

6.6. Kien hemm qbil li l-laqgħa li, apparti l-laqgħa tas-6 ta' Lulju, dik ta' wara ssir l-Erbgħa 3 ta' Awwissu fis-7pm.

| | |
|---|---|
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |